# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 13 ta' Jannar 2016.**

**Rikors Numru 374/2014 CSH**

**Emanuel Vella**

**vs**

**Marco sive Mark Vella**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur li gie pprezentat nhar l-14 ta' Novembru 2014 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlett elef u tmien mitt ewro (€3,800) rapprezentanti fi flus mislufa *brevi manu,* u stante li ghalkemm gie debitament interpellat sabiex ihallas tali ammont anke permezz t'ittra ufficjali datata Settembru 2014 huwa baqa' inadempjenti (ara Dok. EV1 hawn anness).

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni nkluz dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Settembru 2014 u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 2031/2014 bl-imghax legali mid-data tal-pagament relattiv sad-data tal-pagament u hlas effettiv.

Rat ir-risposta tal-konvenut li gietipprezentata fir-Registru tal-Qorti nhar id-9 ta' Dicembru, 2014 fejn eccepixxa s-segwenti:

*"Illi mhux minnu li qatt issellef xi flus minghand huh.*

*Illi l-konvenut qatt ma kellu bzonn jissellef ghaliex ghandu paga tajba bhala Port Worker u ghalhekk zgur li ma kellu bzonn jissellef xejn.*

*Illi l-attur qed jaghmel attentat biex jiehu flus minghand huh ghaliex qed isir attentat mill-familja peress li dahhlu f'rashom li l-konvenut ser jiehu xi somma bhala Port Worker u peress li l-konvenut hu guvni, jridu li ma 'jpaxxihomx' lill-haddiehor.*

*Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi."*

Rat in-nota ta' Emanuel Vella li giet ipprezentata fl-4 ta' Marzu, 2015 li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess.

Rat l-affidavit tal-attur **Emanuel Vella** fejn iddikjara li huwa jigi hu l-konvenut Marco Vella. Huwa spjega li kien sellef lil huh l-ammont ta' tmint elef ewro (€8,000) fi flus kontanti. Peress li jigi huh stqarr illi fdah u ma qaghadx jaghmel skritturi. Huma ftehmu li huh jibda jhallsu lura  permezz ta' pagamenti fix-xahar mill-paga tieghu. Filfatt il-konvenut kien tah il-*cashlink card* biex ikollu kontroll fuq il-flus li kien ikollu l-bank. L-arrangament ta' bejniethom kien li jiehu *loan* mill-bank ghalih (peress li l-bank ma riedx isellfu l-flus) u l-attur

jaghti garanzija bi flusu stess ghal din il-*loan* u mill-paga tal-konvenut kien ihallsu s-somma ta' tlett mija u tletin ewro (€330) fix-xahar. Din kienet issir permezz ta' *standing order* favur l-attur (Dok. A anness mal-affidavit) li kien jigi depositat f'kont tieghu stess.

L-attur ipprezenta rendikont mahrug minn Bank of Valletta li juri xi ftit mill-pagamenti li kienu jsiru lill-attur minhabba d-dejn li ghamel ghalih. Mill-ammont ta' tmint elef ewro (€8,000) huh kien hallas kollox hlief l-ammont ta' hames mija u disghin ewro u erbgha u tmenin centezmu (€590.84) peress li Marco ma baqax jirrapporta ghax-xoghol f'dak iz-zmien u ghax kien ta prokura lil certu Doris Bonello. Ghalhekk il-bank kien avza lill-attur biex iqatta' l-cashlink li kellu ta' Marco peress li issa Doris Bonello kellha l-prokura u tawh Dokument B li semma aktar 'il fuq li juri l-ammont li kien ghad fadallu jaghtih. Il-bank beda jiehu c-*charges* ukoll mill-kont tal-attur stess. Huwa spjega li peress li dan l-ammont kien dovut lill-bank, l-istess bank tah il-parir biex ifittex ihallsu sabiex ma jhallasx izjed imghax. Ghalhekk huwa spicca biex ihallas l-ammont ta' hames mija u disghin ewro u erbgha u tmenin centezmu (€590.84) huwa stess flimkien ma' ammonti zghar biex jinghalaq il-*loan*.

L-attur spjega li qabel ma l-konvenut waqaf jahdem, Marco kien talbu s-somma ta' tlett elef u mitejn ewro (€3,200) ghas-separazzjoni tieghu u l-attur kien tahomlu kontanti. Huma ftehmu li l-flus jigu ritornati lura bl-ammont kollu mill-bejgh tal-post tieghu gewwa z-Zejtun.

Huwa kkonferma li huh Marco biegh il-post tieghu gewwa z-Zejtun u kien jaf bid-data ta' meta ser isir il-kuntratt ghax ommu kienet kellmet lill-avukat Dr Michael Grech fuq din il-kwistjoni. Il-kuntratt kellu jsir

gewwa l-Bank of Valletta, l-Belt Valletta min-Nutar Rueben Casingena. Omm l-attur kienet ftehmet ma' Marco peress li huma kienu marru l-bank flimkien li mill-flus li jibqa' mis-somma tal-bejgh tal-post wara li jithallas il-bank, jithallas l-attur is-somma ta' tlett elef u tmien mitt ewro (€3,800) u tithallas ohtu mid-dejn li ghandu maghha. Dan l-arrangament kien jaf bih ukoll in-Nutar Dr. Rueben Casingena. Ommu dakinhar tal-kuntratt kienet marret il-bank ma' Laura li tigi oht l-attur biex tigbor ic-cekk minn idejn l-avukat taghhom ta' dak iz-zmien Dr Michael Grech li wkoll kien prezenti ghal dan il-kuntratt. Pero' wara ftit tal-hin hareg u qal lil ommu li ma setghax jigbor flusu u flus ohtu peress li huh Marco kien ta prokura lil Doris Bonello biex tidher fuq il-kuntratt. Hu ovvjament ma deherx personalment u ghalhekk Dr Grech ma seta' jaghmel xejn hlief li jaccetta li l-flus kollha jibqghu ghand Doris Bonello.

L-attur iddikjara li wara dan kollu, Marco pprova jdahhlu f'inkwiet ghalxejn ghax kien iwahhal fl-attur li ma riedx jaghtih il-paga biex ihallas id-dejn. Huwa kien cempel lill-attur quddiem in-nies li kien imdejjen maghhom bit-tama li dawn jithassruh u lilu kien jipprova jgibu fin-nofs. Il-konvenut kien sahansitra qal lill-*mechanic* Paul ta' Haz-Zabbar li kien ser ikun l-attur li jhallsu ghall-vettura tal-konvenut stess. Meta' ra hekk, l-attur mar ikellem lill-*mechanic* li ma kienx ser jaghmel tajjeb ghal Marco u mar jaghmel rapport ghand il-Pulizija biex il-konvenut ma jcempillux iktar ghax beda jibza' li kien ser jispicca f'xi basla peress li l-konvenut kien qed jigdeb fuqu. L-attur jaf ukoll li kien gideb fuq ohtu u qal li ghandha marda serja biex jithassruh in-nies u jsellfuh u gew jghidu lill-attur b'dan. Il-konvenut huwa midjun ma' hafna nies tant li mhux l-ewwel darba li marru fuq

l-attur biex ihallas xi dejn imma huwa ddecieda li ma jistax jghinu iktar.

L-attur sostna li wara li ghadda ftit taz-zmien huwa ried flusu lura u ghalhekk ikkomunika ma' Marco izda qalli li jaghtih flusu, ried xi deheb li skond hu ghadu ghand ommu. Ommu qalet lill-attur li hija m'ghandhiex deheb ghax li kellu kien ha kollox. Ghalhekk l-attur stqarr illi ma kellu l-ebda alternattiva ohra hlief li jipprocedi bil-Qorti.

**Marisa Gauci** in rappresentanza ta' Vodafone xehdet fit-13 ta' Mejju, 2015 u spjegat illi n-numru tat-telefown 99872747 mhuwiex registrat maghhom u ghalhekk m'ghandhomx id-dettalji dwar ir-registered owner tieghu. Pero' pprezentat SMS's li saru bejn dan l-istess numru ghal 77893048 u spjegat li filfatt lanqas dan mhuwiex Vodafone number. Esebit dan id-dokument li l-Qorti mmarkat bhala Dokument Z. Mistoqsija jkollhomx il-kontenut ta' dawn l-SMS's spjegat li huma ma jzommux.

**Nina Vella** xehdet fit-13 ta' Mejju, 2015 u spjegat li hija tigi omm il-kontendenti. Ibinha Marco Vella kien telaq il-mara. Spjegat illi l-post fejn kienu jghidu kien proprjeta' tieghu. Taf li l-mara u hu kienu spiccaw il-Qorti u dan ghaliex kellhom procedura ta' separazzjoni bejniethom. Taf li ghamel zmien tiela' u niezel il-Qorti. Spjegat illi l-avukata tieghu xtaqet li tithallas ghas-servizzi taghha u baghtitilhom kont ta' ftit il-fuq minn hamest elef. Spjegat illi Marco qatt ma kellu flus u dejjem ghamlet tajjeb ghalih hi flimkien ma' huh il-konvenut u taf li effettivament imbaghad Marco kien issellef elfejn ewro minghand huh Manuel u l-kumplament tathomlu hi ommu. Taf li mbaghad inqatghet il-kawza tas-separazzjoni ta' bejniethom u l-mara

tieghu taghtu cavetta lura. Imbaghad taf li rcevew karta ohra fejn Marco kellu jhallas elf u mitejn ewro ohra. Taf li huh rega' selliflu dan l-ammont u ghalhekk b'kollox kien sellfu tlett elef u mitejn u jaf li mbaghad huh kellu jtih sitt mija ohra u ghalhekk kellu jaghti b'kollox tlett elef u tmien mija u spjega illi suppost it-tifel Manuel kellu jircievi pagamenti mensili mill-paga ta' huh Marco tramite l-bank pero' taf illi Marco kien waqqafhom dawn il-pagamenti u spjegat illi hija filfatt kollox tkun taf bejn it-tfal ghax huma t-tnejn uliedha u huma jafdaw fiha u f'ohthom il-kbira. Taf li effettivament Marco ma tahx il-flus lil Emanuel.

Spjegat li filfatt dan sehh f'Gunju jew Lulju tas-sena l-ohra u filfatt mistoqsija jekk ghadhiex tkellmu lil Marco spjega iva zgur minn hemm sejra l-isptar tarah. Spjegat li filfatt it-tifel kien jahdem il-Freeport, ha s-sengha ta' missieru. Taf li effettivament Marco kellu paga tajba. Taf illi t-tifel Marco kellu l-vizzju tal-loghob u l-vizzju tan-nisa. Spjegat illi filfatt l-avukat in kwistjoni li kien baghat dal-kontijiet lit-tifel huwa Dr Michael Grech pero' taf li kienet tidher certu avukat Emily. Hija ma zammithomx il-karti tal-avukat. Hija meta taghtu l-flus lil Marco kienet tkun hi fil-prezenza ta' binha l-iehor Emanuel l-attur. Bejn l-ahwa ma taghmilx karti hi. Taf li kien hemm ohthom prezenti. Ohthom jisimha Marthese Camilleri.

Rat in-Nota ta' Emmanuel Vella li gietipprezentata fl-1 ta' Gunju, 2015 li permezz taghha pprezenta l-affidavit tan-Nutar Dr. Ruben Casingena.

Rat l-affidavit tan-**Nutar Dr Ruben Casingena** fejn iddikjara illi fis-sebgha (7) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbatax (2014) kien

ippubblika kuntratt fejn certu Doris Bonello, bil-karta tal-identita' numru 380988(M) dehret f'isem u ghan-nom ta' Marco sive Mark Vella, bil-karta tal-identita' numru 62773M , fuq kuntratt ta' fond bin-numru mija u sitta u sebghin (176) fi Triq il-Qadi, Zejtun lil Leondro Gravina, bil-karta tal-identita' numru 444791M.

Illi dan il-kuntatt sar il-Bank of Valletta plc il-Belt Valletta

Illi l-prezz ta' dan il-bejgh kien ta' tmenin elf ewro (€80,000).

Illi omm il-venditur Nina flimkien ma' Marco sive Mark Vella u anke oht il-venditur Lora u hu l-venditur Manuel kienu marru l-ufficcju sabiex jaraw meta kien ser isir il-kuntratt u fil-prezenza tieghu kienu sahqu illi Marco sive Mark Vella kellu jaghtihom xi flus. Marco sive Mark Vella fil-prezenza tieghu kien qal illi mal-kuntatt kien ser ihallashom il-flus illi kellu jaghtihom.

Illi dakinhar tal-kuntratt peress illi Marco sive Mark Vella ma kienx attenda personalment izda baghat floku prokuratrici bl-isem ta' Doris Bonello, huwa kien cempillu sabiex jara kif kien ser jaqsam ir-rikavat tal-bejgh u huwa qallu illi kien ta' struzzjonijiet lil Doris Bonello kif kellhom jinhargu c-cekkijiet.

**Marthese Camilleri** prodotta mill-attur xehdet fit-8 ta' Lulju, 2015. Ix-xhud tghid li lil Emanuel Vella, l-attur, tafu ghaliex huwa huha u Marco huwa huha wkoll. Tiftakar illi huha Emanuel Vella kien silef flus lil huhom Marco Vella billi ghaddielu s-somma ta' elfejn Ewro (€2,000) biex hallas il-kawza tas-separazzjoni li kellu ghaddejja u taf ukoll illi kien sellfu xi flus ohra peress li daqqa jmur ghandu biex

ihallas xi licenzja, daqqa jmur ghandu biex isewwi xi karozza w affarijiet bhal dawn. Tghid li effettivament meta huha Emanuel kien sellfu l-elfejn Ewro (€2,000) f'daqqa ghas-separazzjoni, hi kienet prezenti u ratu jghaddilu l-flus. Tispjega li hi li tkun dejjem ghand ommhom u ghalhekk hafna drabi anke meta saru l-pagamenti l-ohra kienet tkun prezenti. Ziedet li effettivament huha Marco ghall-ewwel kien jirrikonoxxi li kellu jaghti lil Emanuel u filfatt Emanuel kien johodlu hsieb il-paga lil huhom Mark. Pero' mbaghad Mark bena relazzjoni ohra ma' mara ohra u minn dak il-hin 'l hawn tgerfex u ghalhekk qata' kull kuntatt minn maghhom. Regghet ikkonfermat li kienet tkun ghand ommha u li meta ghaddew l-elfejn Ewro (€2,000) kienet prezenti u meta huha Emanuel kien sellef il-flus lil Mark Vella diversi drabi kienet prezenti. Tghid li filfatt tislif ta' flus kien isir ta' spiss bejn Emanuel u Mark . Tghid li darba sahansitra anke hi selliftu l-flus lil Mark pero' kien tahomlha 'l ghada.

Tinsisti li hija certa illi dwar is-separazzjoni huha Emanuel kien ta lil Mark l-elfejn Ewro *cash*, u filfatt izzid li dakinhar anke ommhom kienet prezenti. Inoltre spjegat li huha Mark kellu xi post u qabel ma seta' jbiegh il-post kellu jaghmel il-hlas ta' dawn il-flus tas-separazzjoni u kien ghalhekk li huh Emanuel kien sellfu din is-somma ta' elfejn Ewro (€2,000) bl-intendiment li una volta Mark ibiegh il-post itihom lura lil Emanuel. Pero' tghid li karti bejniethom ma kienx hemm u dan ghax kienu jafdawh li una volta jinbiegh il-post il-flus kienu ha jingabru.

Rat in-nota pprezentata mill-attur Emmanuel Vella fis-seduta tas-7 t'Ottubru, 2015 li permezz taghha pprezenta affidavit tal-intimat fil-

prezenza tan-Nutar Dr. Jonathan Zammit li permezz tieghu jammetti t-talba attrici kif ukoll kostituzzjoni ta' debitu li saret da parti tal-istess intimat fl-Atti tan-Nutar Dr. Jonathan Zammit datata d-29 ta' Lulju 2015 u li permezz taghha l-istess intimat iddikjara ruhu debitur tal-attur fl-ammont ta' €3,800.

F'dan l-affidavit Marco Vella jghid illi huwa d*ebitur fil-konfront ta'* huh Emanuel Vella fl-ammont ta' tlett elef u tmien mitt Ewro (€3800), liema somma Emmanuel Vella kien silfu. Ghaldaqstant ammetta l-kawza li kienet giet istitwita kontra tieghu.

Illi a fol. 35 Emmanuel Vella pprezenta wkoll skrittura li saret bhala kostituzzjoni ta' debitu bejnu u bejn huh l-konvenut Marco Vella, liema skrittura giet redatta quddiem in Nutar Jonathan Zammit nhar id-29 ta' Lulju 2015. Jinghad li bis-sahha ta' din l-iskrittura Marco Vella kkostitwixxa ruhu veru cert u likwidu debitur ta' huh Emmanuel Vella fl-ammont mitlub fir-rikors promotur u cioe' fis-somma ta tlett elef u tmien mitt ewro (€3,800).

Illi nhar is-7 t'Ottubru 2015 dehret Dr Carina Testa ghall-attur li infurmat il-Qorti li l-konvenut miet fil-mori tal-kawza u li ghalhekk kellhom isiru l-legittimazzjoni tal-atti.

Illi nhar il-5 ta' Jannar 2016 l-attur ipprezenta rikors fejn ammetta mieghu diversi dokumenti u talab li l-atti jigu trasfuzi ghal fuq Antonia sive Nina Vella li tigi omm l-istess kontendenti bhala werrietha ta' binha l-mejjet Marco sive Mark Vella. Skond id-dokument esebit u mmarkat bhala Dok. F jidher li Antonia Vella kienet accettat il-wirt bil-beneficcju tal-inventarju.

Illi nhar it-8 ta Jannar 2016 dehret Antonia Vella u kkonfermat bil-gurament taghha li binha Marco sive Mark Vella verament kien silef l-ammont ta' tlett elef u tmien mitt euro (€3,800) minghand l-attur binha Emmanuel.

Illi fl-istess seduta tat-8 ta' Jannar il-partijiet talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

Ikkunsidrat.

Illi mill-provi prodotti u appuntu mill-ammissjoni tal-konvenut stess kif ukoll mill-kostituzzjoni ta'debitu li giet esebita u mix-xhieda ta' Antonia Vella u Marthese Camilleri , jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li d-decujos Marco Vella kien verament silef is-somma ta' tlett elef u tmien mitt ewro (€3,800) minghand huh Emanuel, liema somma ma jirrizultax li effettivament Marco Vella kien hallas lura.

In oltre jigi rilevat li dak li eccepixxa l-konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu ma gewx provati u ghandhom jigu rigettati.

Ghaldaqstanti l-Qorti filwaqt li tiddikjara li qed tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lil Antonia Vella bhala eredi ta' binha Marco Vella sabiex thallas lill-attur dik is-somma mitluba minnu fir-rikors promotur fl-ammont ta' tlett elef u tmien mitt ewro (€3,800).

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficcjali tas-26 ta' Settembru 2014 u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 2031/2014 bl-imghax

legali mid-data tal-pagament relattiv sad-data tal-pagament u hlas effettiv huma a karigu ta' Antonia Vella.

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LLD**
**Magistrat**